



SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA

TAS-SEMESTRU EWROPEW

IT-TASSAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

Għalkemm il-kundizzjonijiet ekonomiċi kienu qegħdin jitjiebu dan l-aħħar, l-Unjoni Ewropea għadha qed tiffaċċja l-legat tal-kriżi, inklużi nuqqas ta' investiment u inugwaljanzi dejjem jikbru. Bħala riżultat, ħafna ċittadini madwar l-UE kollha qegħdin jitolbu aktar attenzjoni għall-ġustizzja soċjali.

It-tassazzjoni għandha rwol fundamentali fit-tfassil ta' soċjetà ġusta u ekonomija b'saħħitha. Hija tista' tgħin sabiex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi, mhux biss billi tiġi appoġġjata l-mobilità soċjali, iżda wkoll billi jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-introjtu tas-suq.

Bl-istess mod, il-politika tat-tassazzjoni jista' jkollha influwenza kbira fuq id-deċizzjonijiet dwar l-impjiegi, il-livelli ta' investiment u r-rieda tal-imprendituri li jespandu¹, li kollha jwasslu għal aktar tkabbir.

B'hekk, il-politiki tat-tassazzjoni jitkejlu fl-isfond ta' erba' prijoritajiet:

- l-għoti ta' spinta lill-investiment,
- l-appoġġ għall-impjiegi,
- it-tnaqqis tal-inugwaljanzi,
- l-iżgurar tal-konformità fiskali.

Din l-iskeda informattiva tiddekrivi l-isfidi tal-politika tat-tassazzjoni li qegħdin

¹ Għal aktar informazzjoni dwar il-kwistjonijiet imqajma hawnhekk, ara: Il-Kummissjoni Ewropea (2017), Il-Politiki Fiskali fl-Unjoni Ewropea: Stħarriġ tal-2017, li jmiss.

jiffaċċjaw il-pajjiżi tal-UE f'dawn l-oqsma. Imbagħad, hija tippreżenta l-għodod ta' politika li jistgħu jgħinu fl-indirizzar tagħhom. Fl-aħħar nett, hija teżamina s-sitwazzjoni attwali fil-pajjiżi kkonċernati abbażi ta' sett ta' indikaturi u r-riformi fiskali riċenti.

Dik li ma tkoprix din l-iskeda informattiva hija l-kwistjoni tal-evitar tat-taxxa, li ġiet diskussa fi skeda informattiva separata. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-analiżi stabbilita hawnhekk tinqara flimkien mal-iskedi informattivi tematiċi dwar:

- Ir-riċerka u l-innovazzjoni,
- Il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol,
- Ix-xogħol mhux iddikjarat,
- Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol,
- L-inugwaljanza,
- L-inklużjoni soċjali,
- Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni,
- L-akkomodazzjoni.

2. L-ISFIDI TAL-POLITIKA TAT-TASSAZZJONI LI QEGĦDIN JIFFAĊĠJAW IL-GVERNIJET TAL-UE

2.1. L-għoti ta' spinta lill-investiment

Hemm diskrepanzi wiesgħa fil-livelli ta' tassazzjoni totali tal-pajjiżi tal-UE.

Fl-2017, il-proporzjon stmat bejn it-taxxa u l-PDG² huwa mistenni li jvarja fl-UE-28

² Din il-miżura tinkludi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali attwalment imħallsa, iżda ma tikkunsidrax il-kontribuzzjonijiet meqjusa bħala


bejn 24.1 % fl-Irlanda u 45.6 % fid-Danimarka (it-Tabella 1).

Id-differenzi fil-livell totali tat-tassazzjoni fil-fatt jirriflettu d-differenzi fil-preferenzi soċjali għall-beni pubbliċi.

Sa issa, ma hemm ebda evidenza b'saħħitha tal-impatt tal-livell ġenerali tat-tassazzjoni fuq it-*tkabbir ekonomiku*. Madankollu, hemm għarfien aħjar ta' kif il-komponenti individwali tas-sistema fiskali jaffettwaw it-*tkabbir permezz tal-mezzi ta' produttività totali tal-fatturi*, it-*tkabbir tal-istokk kapitali jew il-provvista ta' ħaddiema*.

Li tħallsu minn xi gvernijiet għall-impjegati taċ-*civil permezz tal-imputazzjoni tagħhom*.

Tabella 1: Il-piż tat-taxxa totali fil-pajjiżi tal-UE bħala perċentwal tal-PDG, 2012 u 2018



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, AMECO.

Huwa ddokumentat sewwa li t-taxxi fuq l-introjtu personali u korporattiv għandhom impatt fuq it- tkabbir u l-investment. It-taxxi korporattivi jaffettwaw kemm il-lok tan-negozji kif ukoll l-investment dirett domestiku u barrani.


Ir-rati tat-taxxa, kif inhi definita l-bażi għat-taxxa u l-aspetti tal-konformità fiskali huma fatturi ewlenin li jiddeterminaw l-effetti ekonomiċi tat-tassazzjoni. It-trattament fiskali ta' sorsi differenti ta' finanzjament, it-tfassil ta' inċentivi fiskali u ż-żmien li jqattgħu n-negozji fuq il-konformità fiskali jistgħu jinfluwenzaw l-investment produttiv.

Id-differenzi fit-taxxi korporattivi jistgħu jwasslu għat-trasferiment tal-profitti minn kumpaniji multinazzjonali minn pajjiżi b'taxxa għolja lejn dawk b'taxxa baxxa.

Ir-rati effettivi tat-taxxa jaqdbu firxa wiesgħa ta' fatturi li jmorru lil hinn mit-taxxi korporattivi statutorji, bħal elementi tal-bażi għat-taxxa, is-sors tal-finanzjament (id-dejn, il-qligħ imfaddal jew l-ekwità ġdida) u l-assi li fih isir investment (makkinarju, bini, intanġibbli, inventarju u assi finanzjarji).

Il-figura ta' hawn taħt turi d-differenzi fir-rati medji effettivi tat-taxxa korporattiva, li jvarjaw minn 38.4 % fi Franza sa 9 % fil-Bulgarija.

Tabella 2: Ir-rati medji effettivi tat-taxxa korporattiva tal-Istati Membri tal-UE, f'perċentwal, 2016



Sors: ZEW (2016), *Il-livelli effettivi ta' taxa bl-użu tal-metodoloġija ta' Devereux/Griffith: rapport intermedju tal-2016. Effective tax levels using the Devereux/Griffith methodology: intermediate report 2016. Proġett għall-Kummissjoni Ewropea.*

Nota: (1) Ir-rata medja effettiva tat-taxxa korporattiva tkejjel it-taxxi mħallsin minn korporazzjonijiet fuq l-investimenti infra-marġinali li jipproduċu profitti oġġla mir-redditu normali għall-kapital. (2) Sabiex tirrifletti l-allowance għall-ekwità korporattiva f'Ċipru, il-Belġju u l-Italja, is-suppożizzjoni hija li r-rati ta' dawn l-allowances ikunu daqs ir-rata tal-imgħax tas-suq fil-mudell.

Id-deċiżjonijiet dwar jekk jiġix influwenzati mir-rata tat-taxxa investit inqas jew aktar jiġu margjinali effettiva, jiġifieri l-piż tat-


taxxa fuq l-aħħar euro investit fi proġett li sempliċiment jilħaq ekwilibriju (l-investment 'marġinali').

Aktar ma tkun baxxa r-rata tat-taxxa marġinali effettiva, aktar twassal għal investimenti s-sistema fiskali.

Hemm diversi modi kif titnaqqas l-EMTR u kif titfassal sistema fiskali li tappoġġja l-investment. Huma jinkludu:

- l-għoti ta' skedi ta' deprezzament aktar mgħaġġel jew spejjeż immedjati,
- li l-kostijiet tal-ekwità jkunu jistgħu jitnaqqsu,
- it-titjib tal-kundizzjonijiet għal riport tat-telf,
- l-offerta ta' inċentivi fiskali fuq ir-riċerka u l-iżvilupp.

Tabella 3: Ir-rati marġinali effettivi tat-taxxa korporattiva tal-pajjiżi tal-UE, bħala perċentwali, 2016



Sors: ZEW (2016), *Il-livelli effettivi ta' taxxa bl-użu tal-metodoloġija ta' Devereux/Griffith: rapport intermedju tal-2016. Effective tax levels using the Devereux/Griffith methodology: intermediate report 2016. Proġett għall-Kummissjoni Ewropea.*

Noti: (1) L-indikatur huwa bbażat fuq il-mudell ta' Devereux/Griffith. (2) Sabiex tirrifletti l-allowance għall-ekwità korporattiva f'Ċipru, il-Belġju u l-Italja, is-suppożizzjoni hija li r-rati ta' dawn l-allowances ikunu daqs ir-rata tal-imgħax tas-suq fil-mudell.

2.2. Appoġġ għall-ħolqien tax-xogħol u għall-impjegji

It-taxxi fuq ix-xogħol jaffettwaw kemm id-deċizzjonijiet dwar jekk u kemm għandu jsir xogħol (il-provvista tal-ħaddiema) kif ukoll id-deċizzjonijiet ta' dawk li jħaddmu li jimpjegaw ħaddiema hekk kif iżidu l-ispiża tax-xogħol (id-domanda għall-ħaddiema)³. Il-provvista ta' ħaddiema ta'

xi gruppi tal-popolazzjoni (ħaddiema b'ħiliet baxxi, żgħażaġħ, anzjani u t-tieni sors ta' dħul) hija partikolarment sensitiva għat-taxxi u għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (SSCs)⁴.

Il-figura ta' hawn taħt turi r-rata ta' impjeg tal-popolazzjoni totali u tal-persuni b'edukazzjoni baxxa. Dan jista' jindika meta pajjiż jiffaċċja sfida sabiex tingħata spinta lill-impjeg ġenerali jew l-impjeg għal gruppi speċifiċi.

Filwaqt li r-rati ta' impjeg tjiebu fil-pajjiżi tal-UE f'dawn l-aħħar snin, is-sitwazzjoni


³ Dawn id-deċizzjonijiet jiddependu wkoll fuq il-benefiċċji soċjali disponibbli riċevuti meta l-persuni kkonċernati ma jkunux qegħdin jaħdmu, jew ikunu qed jaħdmu fuq bażi part-time. Dwar aktar fatturi li jiddeterminaw l-impatt tas-sistemi tat-taxxi u l-benefiċċji fuq il-provvista tal-ħaddiema, ara l-indikaturi differenti disponibbli permezz tal-bażi ta' data konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u l-OECD dwar l-indikaturi tat-taxxi u tal-benefiċċji.

⁴ Ara, pereżempju, Costas Meghir u David Phillips (2010), *Labour Supply and Taxes*, in Institute for Fiscal Studies (ed.), *The Mirrlees Review: Dimensions of Tax Design*, Oxford University Press, pp. 202-274.

tvarja minn pajjiż għal ieħor. Bl-istess mod, id-diskrepanza bejn ir-rati ta' impjieg għall-persuni b'edukazzjoni baxxa u l-impjieg totali tvarja bejn il-pajjiżi.

Is-Slovakkja għandha l-aktar diskrepanza wiesgħa bejn it-tnejn (33.9 punti perċentwali) u l-Portugall għandha l-aktar waħda baxxa (5.9 punti perċentwali).

Tabella 4: Il-livell ta' impjieg tal-popolazzjoni totali; in-nisa u dawk b'ħiliet baxxi, 2016



Sors: I-Eurostat, 2017

Nota: (1) Il-grupp ta' età huwa bejn 20 u 64 sena. (2) 'Persuni b'edukazzjoni baxxa' tirreferi għal-livelli 0-2 tal-ISCED. (3) Ir-rata ta' impjieg għan-nisa tintuża bħala indikatur għat-tieni sors ta' dħul. Huwa rikonoxxut li dawn mhux bilfors ikunu l-istess. (4) Ir-rata ta' impjieg ma titkejilx f'ekwivalenti għal full-time.

Il-feles tat-taxxa jkejjel id-differenza proporzjonali bejn l-ispejjeż ta' ħaddiem fil-konfront ta' min iħaddmu u l-qligħ nett tal-impjegat (dak li jifdallu fil-but). Għalhekk, dan ikejjel kemm l-inċentivi għax-xogħol (in-naħa tal-provvista tal-ħaddiema) kif ukoll dawk għar-reklutaġġ tal-impjegati (in-naħa tad-domanda għall-ħaddiema).

Bħala medja, bejn l-2010 u l-2016, il-feles tat-taxxa għall-persuni li kienu qed jaqilgħu 50 % tal-paga medja naqas fl-UE. Madankollu, dan sejjer f'direzzjonijiet differenti f'pajjiżi differenti; huwa żdied fi 15 u naqas f'10.


Il-kompożizzjoni tal-feles tat-taxxa hija importanti fuq medda ta' żmien qasir, minħabba li l-komponenti varji tagħha jistgħu jaffettwaw id-domanda għall-ħaddiema jew il-provvista tal-ħaddiema. Il-figura ta' hawn taħt tiddividi l-feles tat-taxxa għal ħaddiem wieħed li jaqla' l-paga medja fil-komponenti separati tiegħu:

- it-taxxa fuq l-introjtu personali,
- il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem,
- il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegati,
- il-benefiċċji tal-familja⁵.

Hija turi l-feles tat-taxxa għal ħaddiem wieħed li jaqla' 50 % tal-paga medja.

⁵ Il-benefiċċji tal-familja jnaqqsu l-feles tat-taxxa ġenerali fi Franza u fid-Danimarka.

Tabella 5: Il-kompożizzjoni tal-feles tat-taxxa għal ħaddiem b'paga baxxa f'pajjiżi differenti tal-UE, 2016



Sors: Il-bażi ta' data tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-indikaturi tat-taxxi u l-benefiċċji abbażi tal-mudell tat-taxxi u l-benefiċċji tal-OECD, aġġornata fl-10 ta' April 2017.

Noti: (1) Ma hemm ebda data riċenti għal Ċipru. (2) Billi d-data hija għal familji mingħajr tfal u b'persuna waħda li taqla' 50 % tal-paga medja.

Karatteristiċi tas-sistema fiskali, bħal **krediti ta' taxxa** trasferibbli u **l-grad ta' tassazzjoni konġunta**, flimkien ma' karatteristiċi tas-sistema ta' benefiċċji, bħall-irtirar tal-benefiċċji ddeterminati wara test tal-mezzi, **jistgħu jikkontribwixxu għal rati tat-taxxa marġinali għolja għat-tieni sors ta' dħul minn inattività għax-xogħol, jew iż-żieda fil-qligħ tagħhom.**


Jenħtieġ li jiġi nnotat li fatturi oħrajn, bħad-disponibbiltà ta' servizzi ta' kura formali bi prezz affordabbli u ta' kwalità għolja, inkluż, b'mod partikolari, l-indukrar tat-tfal,

kif ukoll politiki mfasla tajjeb dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jistgħu jaffettwaw id-deċiżjonijiet dwar jekk daww ikkonċernati jirritornawx għax-xogħol jew iżidux is-sigħat tax-xogħol.

Il-figura ta' hawn taħt turi n-nassa tal-inattività għat-tieni sors ta' dħul fil-pajjiżi tal-UE⁶. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, it-tassazzjoni tagħmel kontribuzzjoni relattivament għolja għan-nassa għat-tieni sors ta' dħul, f'każijiet fejn il-persuna l-oħra b'paga taqla' l-paga medja.

⁶ In-nassa tal-inattività — jew it-taxxa impliċita fuq ir-ritorn għax-xogħol għall-persuni mhux attivi — tkejjel il-parti tal-paga gross addizzjonali li tiġi ntaxxata f'każ fejn persuna mhux attiva (mhux intitolata għal benefiċċji tal-qgħad, iżda eliġibbli għal assistenza soċjali ddeterminata skont test tal-introjtu) tibda taħdem. Fi kliem ieħor, dan l-indikatur ikejjel l-inċentivi finanzjarji sabiex wieħed jimxi minn inattività (u assistenza soċjali) għal impjeg.

Tabella 6: In-nassa tal-inattività għat-tieni sors ta' dħul fil-pajjiżi tal-UE, 2015



Sors: *Il-bażi ta' data tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-indikaturi tat-taxxi u l-benefiċċji abbażi tal-mudell tat-taxxi u l-benefiċċji tal-OECD.*

Nota: (1) *Id-data tan-nassa għat-tieni sors ta' dħul f'67 % tal-paga medja f'familja bit-tieni sors ta' dħul u b'żewġ itfal; il-persuna b'paga prinċipali taqla' l-paga medja (AW).* (2) *'Kontribuzzjoni tat-tassazzjoni' tirreferi għall-kontribuzzjoni magħmula mit-tassazzjoni għan-nassa tal-inattività, f'punti perċentwali (b'kontributori oħrajn, pereżempju, irtiraw il-benefiċċji tal-qgħad, l-assistenza soċjali u l-benefiċċji tal-akkomodazzjoni).*

2.3. Il-korrezzjoni tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-mobilità soċjali


Il-figura ta' hawn taħt turi **l-inugwaljanza fl-introjtu disponibbli** (wara t-taxxa u l-benefiċċji) skont l-indiċi Gini, flimkien mal-perċentwal tal-popolazzjoni **f'riskju ta' faqar** f'pajjiżi differenti tal-UE.

Għalkemm l-UE għandha waħda mill-aktar sistemi ta' stat soċjali avvanzati

tad-dinja, xorta għad hemm xi inugwaljanzi notevoli.

Il-Litwanja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Latvja u l-Estonja juru l-ogħla livelli ta' inugwaljanza fl-introjtu wara t-taxxi u t-trasferimenti.

Tabella 7: Il-livell ta' inugwaljanza fl-introjtu fil-pajjiżi tal-UE, 2016



Sors: Eurostat, EU-SILC, 2016

Noti: (1) *Assi vertikali: Il-koeffiċjenti Gini. L-iskala tvarja minn 0 sa 100. Il-valur 0 jikkorrespondi għal ugwaljanza perfetta (l-istess introjtu għal kulħadd), filwaqt li 100 jikkorrespondi għal inugwaljanza massima (l-introjtu kollu mqassam lil persuna waħda biss; ħaddieħor ma jieħu xejn). Il-pensjonijiet huma inklużi fit-trasferimenti soċjali.* (2) *Assi orizzontali: ir-rata ta' riskju ta' faqar bħala perċentwal tal-popolazzjoni totali. Dan l-indikatur jikkomplementa l-koeffiċjent Gini sabiex jipprovdi stampa aktar preċiża tal-isfidi soċjali fil-pajjiżi tal-UE. Huwa juri s-sehem tal-qligħ tal-popolazzjoni totali inqas minn 60 % tal-introjtu ekwivalenti medjan wara t-*

trasferimenti soċjali. (3) Id-data tal-2016 mhijiex disponibbli għal IE, IT u LU, għalhekk, intużat id-data tal-2015. (4) Il-medja tal-UE-28 tiġi kkalkolata bħala l-medja aritmetika ta' ċifri nazzjonali individwali ponderata skont il-popolazzjoni


L-akkumulazzjoni dejjem tiżdied ta' ġid privat fl-Ewropa matul l-aħħar 40 sena u ż-żieda fl-inugwaljanza qanqlu dibattitu pubbliku intensiv dwar il-ġustizzja tas-sistemi fiskali eżistenti.

L-inugwaljanza fil-ġid teċċedi l-inugwaljanza fl-introjtu (it-Tabella 7). Din wasslet għar-rikonoxximent li jeħtieġ li

l-inugwaljanza tiġi indirizzata minn perspettiva konġunta ta' introjtu u ġid.

Id-data disponibbli tissuġġerixxi li l-inugwaljanza fil-ġid hija kwistjoni partikolarment importanti fil-Latvja, il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Irlanda.

Tabella 8: Il-livell ta' ugwaljanza fl-introjtu (2016) u inugwaljanza fil-ġid (2014)



Sors: Komputazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea bbażati fuq l-istħarriġ tal-BĊE tal-2016 dwar il-finanzi u l-konsum tal-familji u l-Eurostat 2016.

Nota: Il-ġid nett huwa definit bħala d-differenza bejn l-assi totali tal-familji u l-obbligazzjonijiet totali tagħhom.

L-inugwaljanza akbar hija assoċjata ma' inqas mobilità soċjali, minħabba li l-inugwaljanza tiffirma l-opportunitajiet⁷. Il-mobilità soċjali tista' tkun kemm intragenerazzjonali kif ukoll interġenerazzjonali.

Mobilità intragenerazzjonali tirreferi għaċ-ċans li wieħed jitla' l fuq jew jinżel l isfel (pereżempju tul is-sellum tal-introjtu) matul haġtu.

2.4. Il-konformità fiskali⁸

L-evażjoni tat-taxxa ġeneralment tinkludi arranġamenti illegali fejn l-obbligazzjoni għat-taxxa tkun moħbija jew injorata, jiġifieri l-kontribwent iħallas inqas taxxa minn kemm huwa legalment obligat li jħallas billi jaħbi l-introjtu jew l-informazzjoni mill-awtoritajiet tat-taxxa.

Eżempji ta' evażjoni tat-taxxa jinkludu s-sottorapportar tal-bejgħ sabiex jitnaqqsu

⁷ Corak, M. (2013), Income Inequality, Equality of Opportunity, and Intergenerational Mobility. Dokument ta' Diskussjoni tal-IZA Nru 7520.

⁸ Il-kwistjoni tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa u tal-evitar tat-taxxa hija diskussa fi skeda informattiva separata.

Mobilità interġenerazzjonali tirreferi għall-firxa safejn il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tan-nies jirriflettu dawk tal-ġenituri tagħhom.

Il-mobilità interġenerazzjonali hija indikatur importanti ta' jekk l-individwi jistgħux jirnexxu f'soċjetà, irrISPettivament mill-isfond soċjoekonomiku tagħhom. Hija marbuta mill-qrib mal-**opportunitajiet indaqs**.

It-tassazzjoni għandha rwol li tappoġġja l-mobilità soċjali, pereżempju:

- bħala sors ta' finanzjament għal edukazzjoni ta' kwalità,
- bħala mezz sabiex titnaqqas it-trażmissjoni ta' privileġġ jew żvantaġġ minn ġenerazzjoni għall-oħra,
- permezz tad-distribuzzjoni mill-ġdid tal-introjtu u — speċjalment — tal-ġid permezz tal-inċentivazzjoni tal-imġiba li żżid il-mobilità soċjali.

l-pagamenti tal-VAT. Eżempju ieħor huwa relatat max-xogħol mhux iddikjarat, fejn il-pagamenti tat-taxxa fuq l-introjtu personali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mhumiex qegħdin jitħallsu.


Hemm diversi estimi ta' kemm għandhom jinġabru taxxi iżda li eventwalment mhumiex qegħdin jinġabru. Madankollu, id-diskrepanza fil-VAT hija l-unika diskrepanza fit-taxxa li għaliha hemm estimi komparattivi bbażati fuq metodoloġija komuni għall-pajjiżi kollha tal-UE.

Id-diskrepanza fil-VAT hija d-differenza bejn l-ammont ta' VAT effettivament miġbura u l-ammont stmat ta' VAT li teoretikament tista' tinġabar abbażi tar-regoli dwar il-VAT.

Hija tkejjel l-effettività tal-miżuri ta' konformità u infurzar tal-VAT f'kull Stat Membru.

Id-diskrepanza fil-VAT hija l-akbar fir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Greċja u l-Litwanja.

Tabella 9: Id-diskrepanza fil-VAT bħala perċentwal tal-obbligazzjoni teoretika tal-VAT, 2014/2015



Sors: CASE et al. (2017). Study and Reports on the VAT Gap in the EU-28 COUNTRIES: Rapport Finali tal-2017, TAXUD/2015/CC/131.

3. LIEVI TA' POLITIKA GĦALL-INDIRIZZAR TAL-ISFIDI TAL-POLITIKA TAT-TASSAZZJONI

Il-karatteristiċi ewlenin li jridu jiġu eżaminati fil-valutazzjoni tal-ġustizzja u l-effiċjenza ta' sistema fiskali huma l-firxa safejn hija

- tinkoraġġixxi l-investiment,
- tappoġġja l-ħolqien tax-xogħol u l-impjiegi,
- tikkoreġi l-inugwaljanzi,
- tikseb livelli għolja ta' konformità.

B'mod ġenerali, filwaqt li xi drabi jkun hemm kompromessi bejn l-għanijiet ta'

effiċjenza u ġustizzja, it-tnejn bl-ebda mod ma jopponu lil xulxin.

3.1. L-ġhoti ta' spinta lill-investment

Investiment dgħajjef ifisser tkabbir aktar baxx, iżda huwa jnaqqas ukoll it-tkabbir tal-produttività u jinvolvi prospetti ħżiena ta' impjiegi u tkabbir fuq perjodu ta' żmien itwal.

L-ġhoti ta' spinta lill-investment huwa b'hekk waħda mill-ogħla prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni.

Huwa importanti li titfassal sistema fiskali li żżomm ir-rata tat-taxxa marġinali effettiva baxxa u b'hekk tiġi evitata d-dizincementizzazzjoni ta' investment li jħalli profit.

Dan ma jfissirx li r-rati tat-taxxa għandhom jitnaqqsu. Minflok, skedi ta' deprezzament aktar mgħaġġla, l-ispejjeż immedjati jew arranġamenti li jippermettu li jkunu jistgħu jitnaqqsu l-ispejjeż tal-finanzjament tal-ekwità jnaqqsu t-tassazzjoni marġinali effettiva, anki jekk din tiġi paċuta minn bidla fir-rati tat-taxxa.

Iċ-ċertezza legali u r-regoli fiskali stabbli, prevedibbli u sempliċi huma importanti għan-negozji u għall-investituri li jieħdu d-deċiżjonijiet.

Id-distorsjonijiet fis-sistema fiskali jistgħu jaffettwaw l-aċċess għall-finanzi u jiskoraġġixxu l-investimenti ta' ekwità.

It-tassazzjoni hija waħda mill-għodod ewlenin għad-dispożizzjoni tal-gvernijiet sabiex jinkoraġġixxu l-intraprenditorija u l-innovazzjoni. Il-politiki fiskali jistgħu jgħinu sabiex jitnaqqsu r-riskju intraprenditorjali u l-ispejjeż tat-twettiq ta' attività intraprenditorjali. It-tassazzjoni tgħin sabiex jiġi kkoreġut il-falliment tas-suq; l-eżempji jinkludu investment inadegwat fir-riċerka u l-iżvilupp, il-finanzjament tar-riskju u esternalitajiet ambjentali bħat-tniġġis.

B'hekk, sistema fiskali ddisinjata sewwa tista' tgħolli l-istandards ta' għajxien billi tipprovdi inċentivi għal investment ekoloġiku u intelliġenti.

L-effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa tinfluwenza l-livell ta' fiduċja tal-pubbliku fis-sistema. Il-kontribwenti għandhom it-tendenza li jkollhom aktar fiduċja fl-organizzazzjonijiet li huma perċepiti bħala effiċjenti u effettivi.

Minbarra l-ispejjeż tal-ġbir tat-taxxi, jenftieg li wieħed jikkunsidra wkoll l-ispejjeż assoċjati mal-ħlas tat-taxxi. Dawn sikwit issir referenza għalihom bħala **l-ispejjeż tal-konformità fiskali**. Dawn jistgħu jiskoraġġixxu l-ħolqien ta' negozji ġodda, jinkoraġġixxu l-ekonomija klandestina, iżidu n-nuqqas ta' konformità u jagħmlu ħsara lill-kompetittività tan-negozji u tal-pajjiżi.

3.2. Appoġġ għall-ħolqien tax-xogħol u għall-impjiegi

It-tnaqqis tat-taxxi fuq ix-xogħol jista' jkun għodda li tippromwovi livelli ogħla ta' impjeg, b'mod partikolari meta l-ispejjeż għoljin tax-xogħol jiskoraġġixxu l-impjegar (jiġifieri l-kwistjonijiet tad-domanda tax-xogħol) jew meta l-inċentivi sabiex wieħed jibda jaħdem ikunu baxxi meta x-xogħol ma jrendix ħlas suffiċjenti (jiġifieri l-kwistjonijiet tal-provvista tal-ħaddiema).

It-tnaqqis tat-taxxi fuq ix-xogħol immirat għal gruppi vulnerabbli u aktar risponsivi, bħall-ħaddiema b'paga baxxa jew it-tieni sors ta' dħul, jista' jgħin sabiex jiżiedu l-livelli ta' impjeg, filwaqt li jnaqqas ukoll il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Billi hemm biss ftit pajjiżi li għandhom biżżejjed spazju fiskali sabiex ikunu jistgħu jikkunsidraw li jnaqqsu t-taxxi fuq ix-xogħol mingħajr ebda kumpens, jeħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni lill-mod kif għandu jiġi ffinanzjat tali tnaqqis.

It-trasferiment tat-tassazzjoni lejn bażijiet għat-taxxa oħrajn hija għażla waħda possibbli. Il-lok potenzjali għal trasferiment tat-taxxa jiddependi fuq l-istruttura fiskali eżistenti. Ċerti tipi ta' bażijiet għat-taxxa huma meqjusa bħala inqas detrientali għat-tkabbir, bħat-taxxi fuq il-konsum, it-taxxi rikorrenti fuq l-akkomodazzjoni u t-taxxi ambjentali.

Madankollu, il-letteratura ekonomika riċenti tiġbed l-attenzjoni għal reazzjonijiet

eteroġeni, effetti mhux lineari u differenzi fl-amplitudni bejn l-effetti fuq perjodu ta' żmien qasir u twil. Id-disinn dettaljat ta' taxxa huwa mill-inqas importanti daqs l-istruttura tas-sistema fiskali.

Madankollu, il-livelli għoljin ta' tassazzjoni fuq ix-xogħol, flimkien ma' piż tat-taxxa relattivament baxx fil-forma ta' taxxi fuq il-konsum, taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà, jew taxxi ambjentali, jistgħu jindikaw li hemm lok għat-tbeġhid tat-taxxi mix-xogħol. Jeħtieġ li jiġi kkunsidrat ukoll l-impatt tad-distribuzzjoni tat-tassazzjoni dejjem tiżdied f'dawn l-oqsma.

3.3. Il-korrezzjoni tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-mobilità soċjali

It-tassazzjoni għandha rwol fit-tfassil ta' soċjetà ġusta, inkluż billi:

- tiggarrantixxi t-taħlita xierqa ta' dħul għall-finanzjament tan-nefqa pubblika;
- tnaqqas l-inugwaljanzi; u/jew
- tappoġġja l-mobilità soċjali u l-ġustizzja interġenerazzjonali.

Miżuri bħall-**aċċess ugwali għal edukazzjoni jew kura tas-saħħa ta' kwalità huma maħsuba biex iżidu l-opportunitajiet indaqs**. It-tassazzjoni tiffinanzja din in-nefqa pubblika, billi tiddependi fuq it-taħlita ta' taxxi xierqa u l-konformità attwali mill-kontribwenti kollha.

Barra minn hekk, **is-sistemi tat-taxxi u l-benefiċċji jistgħu jkunu mezz b'saħħtu sabiex tiġi miġġielda l-inugwaljanza fl-introjtu permezz ta' ridistribuzzjoni**. Għadu importanti li jiġi kkunsidrat l-impatt soċjali tas-sistemi fiskali sabiex jinstab il-bilanċ xieraq bejn l-effiċjenza u l-ekwità tad-disinn tat-taxxa, f'konformità mal-preferenzi tal-pajjiżi.

It-tassazzjoni tista' tintuża wkoll sabiex tinċentiva xi tipi ta' mġiba.

L-istruttura tas-sistema għandha rwol ewlieni. Lil hinn mit-tassazzjoni fuq l-introjtu u l-benefiċċji fi flus, l-istruttura

ġenerali tas-sistema fiskali⁹ għandha rwol kemm fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu u fil-ġid, kif ukoll fit-trawwim tal-koeżjoni soċjali.

Huwa importanti li jiġi żgurat li l-piż tat-taxxa globali fuq iċ-ċittadini, li jvarja skont is-sorsi tal-introjtu tagħhom, ikun progressiv, u li s-sistema fiskali tkun koerenti u effettiva. Idealment, sistema bħal din tista' tgħin sabiex jiġu kkoreġuti l-inugwaljanzi fl-introjtu tas-suq. Mill-inqas, hija trid tevita li żżidhom.

3.4. Il-konformità fiskali

It-titjib tal-konformità fiskali u, b'hekk, l-iżguraw tad-dħul mit-taxxa għal politiki pubbliċi maħsuba biex jiffinanzjaw l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-infrastruttura, id-difiża, eċċ. huwa essenzjali għall-ħolqien ta' soċjetà ġusta.

Sabiex jiġu miġġielda l-frodi fiskali u l-evazzjoni tat-taxxa, huwa importanti li tintuża strateġija b'diversi mezzi¹⁰. Infurzar u kontroll akbar huma importanti, l-istess kif inhuma l-bini tal-fiduċja u l-iżvilupp ta' kultura ta' konformità.

Jeħtieġ li l-awtoritajiet tat-taxxa jirrevedu l-politiki u l-oqfsa legali eżistenti jew jiżviluppaw strateġiji ġodda, bil-għan li jiżguraw li l-kontribwenti jissodisfaw l-obbligi tagħhom - preferibbilment b'mod volontarju.

In-natura transkonfinali tal-abbuż mit-taxxa u l-integrazzjoni tal-ekonomiji nazzjonali madwar l-UE jitolbu approċċ ikkoordinat, mhux biss permezz ta' inizjattivi Ewropej iżda anki permezz tal-koordinazzjoni ta' politiki nazzjonali.

⁹ Inklużi l-VAT, it-taxxi fuq il-proprjetà, it-taxxa fuq il-qliġ kapitali, it-taxxa fuq il-wirt, in-natura progressiva tat-taxxa fuq l-introjtu personali.

¹⁰ Il-kwistjoni tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa u tal-evitar tat-taxxa hija diskussa fi skeda informattiva separata.

4. EŻAMINAZZJONI TAS-SITWAZZJONI ATTWALI

4.1. L-għoti ta' spinta lill-investment

L-inkoraġġiment tal-investment kien prijorità importanti fir-riformi fiskali riċenti, speċjalment fil-pajjiżi milquta mill-kriżi. Saru wkoll sforzi sabiex jiġi ssimplifikat l-ambjent tan-negozju fir-rigward tat-tassazzjoni. Madankollu, il-gvernijiet nazzjonali jistgħu jagħmlu aktar sabiex jagħtu spinta lill-investment permezz tal-politiki fiskali tagħhom.

Il-biċċa l-kbira tas-sistemi tat-taxxa korporattiva jipprovdu lid-ditti b'inċentivi sabiex jieħdu aktar dejn, billi jippermettu li jitnaqqsu l-pagamenti tal-imgħax, iżda ma jagħtux trattament simili għall-ekwità.

Minħabba li investment fid-dejn igawdi trattament fiskali preferenzjali, ir-redditu minimu qabel it-taxxa meħtieġ sabiex l-investment ikun vallapena ('l-ispiża tal-kapital') ser ikun aktar baxx għal investment iffinanzjat minn dejn. Id-daqs ta' dan il-preġudizzju tad-dejn ivarja madwar l-UE.

Il-preġudizzju tad-dejn iwassal għal livelli ogħla tad-dejn, li jagħmlu lill-kumpaniji aktar fraġli u lill-ekonomiji aktar suxxettibbli għal kriżijiet. B'riżultat ta' dan, huwa jaggrava r-riskji ta' stabbiltà finanzjarja u għandu t-tendenza li jwassal għal livelli sproporzjonati ta' falliment. Dan huwa partikolarment problematiku għal kumpaniji ġodda u innovattivi li ħafna

drabi ma jkollhomx aċċess għal finanzjament estern. Huma mqiegħda fi żvantaġġ minkejja r-rilevanza tagħhom fil-ġenerazzjoni tat-tkabbir fil-ġejjieni.


It-trattament fiskali asimmetriku tad-dejn u l-ekwità huwa sfruttat ukoll minn xi kumpaniji multinazzjonali, sabiex jorganizzaw id-dejn tagħhom b'mod strateġiku bil-għan li jnaqqsu l-piż tat-taxxa globali tagħhom.

Il-pajjiżi bl-akbar differenza bejn l-ispejjeż tal-kapital għall-ekwità u l-finanzjament b'dejn (il-kejl tal-preġudizzju tad-dejn) huma Franza, Malta, il-Lussemburgu, il-Portugall u l-Greċja.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal **bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva (BKKTK) tindirizza d-distorsjoni tal-preġudizzju tad-dejn billi toffri Allowance għat-Tkabbir u għall-Investment (AGI).** Hija tippermetti tnaqqis fit-taxxa għall-kumpaniji li jagħżlu li jżidu l-ekwità għall-finanzjament minflok jidħlu għal dejn. It-tnaqqis jiġi kkalkolat billi l-bidla fl-ekwità tiġi mmultiplikata b'rata fissa komposta minn rata tal-imgħax mingħajr riskju u primjum ta' riskju.

L-AGI għandha tiġi kkorroborata minn dispożizzjonijiet b'saħħithom kontra l-evitar. Din tiżgura li l-ekwità tirċievi livell simili ta' benefiċċji tat-taxxa għad-dejn, sabiex b'hekk jinħoloq ambjent fiskali aktar newtrali u li jiffavorixxi l-investment.

Tabella 10: Il-preġudizzju tat-taxxa bejn id-dejn u l-ekwità fil-finanzjament korporattiv fil-pajjiżi tal-UE, 2016



Sors: ZEW (2016), *Il-livelli effettivi ta' taxxa bl-użu tal-metodoloġġa ta' Devereux/Griffith: rapport intermedju tal-2016. Effective tax levels using the Devereux/Griffith methodology: intermediate report 2016. Proġett għall-Kummissjoni Ewropea.*

Noti: (1) Il-figura turi l-preġudizzju tad-dejn fit-tassazzjoni korporattiva mkejjejl bħala d-differenza fl-ispiża tal-kapital għal investiment ġdid ta' dejn u ekwità. L-ispiża tal-kapital tkejjejl id-dikjarazzjoni minima meħtieġa qabel it-taxxa ta' investiment reali (l-'investiment marġinali') sabiex tinkiseb l-istess dikjarazzjoni wara t-taxxa bħala investiment sikur fis-suq tal-kapital. Is-suppożizzjoni standard miż-ZEW għar-redditu reali fuq l-investiment sikur hija ta' 5 %. (2) Sabiex tirrifletti l-allowance għall-ekwità korporattiva f'Ċipru, il-Belġju u l-Italja, is-suppożizzjoni hija li r-rati ta' dawn l-allowances ikunu daqs ir-rata tal-imgħax tas-suq fil-mudell. Għal Ċipru, għad hemm preġudizzju żgħir minħabba li l-allowance ma tapplikax għall-investimenti f'assi finanzjarji.


Inċentivi fiskali tar-riċerka u l-iżvilupp imfassla sewwa jstimulaw l-investiment u l-innovazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp. L-allowances jew il-kreditu ta' taxxa bbażati fuq l-ispejjeż reali tar-riċerka u l-iżvilupp huma meqjusa bħala prattika tajba meta mqabbla ma' skemi bbażati fuq il-produzzjoni, bħas-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi.

Is-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi jagħtu ħelsien mit-taxxa fuq l-

output mill-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. Ir-riċerka turi li dawn ma jstimulawx ir-riċerka u l-iżvilupp u jistgħu, minflok, jintużaw bħala strument ta' trasferiment tal-profit, li jwassal għal telf għoli fid-dħul.

Total ta' 25 pajjiż tal-UE bħalissa qegħdin jużaw inċentivi fiskali sabiex jinkoraġġixxu l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp. Il-figura ta' hawn taħt turi liema tipi ta' inċentivi fiskali jintużaw f'kull pajjiż.

Tabella 11: In-numru ta' inċentivi fiskali għar-riċerka u l-iżvilupp fil-pajjiżi tal-UE, 2016



Sors: CPB (2014) u aġġornament mis-servizzi tal-Kummissjoni, fejn disponibbli.

Noti: (1) Ebda inċentiv fiskali għar-riċerka u l-iżvilupp f'DE, EE u FI. (2) L-inċentiv jista' japplika għat-taxxi fuq l-introjtu personali u korporattiv, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-taxxi fuq il-pagi. (3) Il-figura turi biss l-inċentivi fiskali. L-appoġġ dirett mhux inkluż.


L-inċentivi fiskali għall-kapital ta' riskju ('venture capital' - VC) u l-investituri informali ('business angels' - BA) saru parti dejjem aktar importanti mit-taħlita ta' politiki dwar l-innovazzjoni u l-investiment fl-UE u lil hinn minnha. Tali inċentivi fiskali ġew implimentati minn 13-il pajjiż, kif muri fit-Tabella 11.

Filwaqt li l-investimenti fil-VC u l-BA jgħeneraw il-ħolqien tax-xogħol u ż-żidiet fil-produttività, hemm għadd ta' fatturi li jfixklu l-iżvilupp tagħhom. Pereżempju, dawn l-investimenti huma riskjużi ħafna u l-informazzjoni spiss tkun imperfetta. It-tassazzjoni jista' jkollha rwol sabiex tegħleb dawn l-ostakoli għall-investiment.

Studju riċenti¹¹ fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali identifika l-karatteristiċi mixtieqa fit-tfassil tal-inċentivi fiskali tal-VC u l-BA. Pereżempju, l-iskemi ta' inċentivi fiskali jistgħu jgħinu sabiex jitbaxxa r-riskju tal-investimenti fl-SMEs u n-negozji ġodda billi joffru kreditu ta' taxxa bil-quddiem jew ħelsien minn taxxa għal telf fuq bażi favorevoli. Il-ħelsien mit-taxxa fuq il-qliġ kapitali huwa karatteristika relatata mal-prestazzjoni u jippromwovi l-kwalità tal-investiment.

¹¹ PWC & IHS (2017), L-effettività tal-inċentivi fiskali għall-kapital ta' riskju u l-investituri informali (Effectiveness of tax incentives for venture capital and business angels).

Tabella 12: In-numru ta' inċentivi fiskali tal-VC u l-BA offruti mill-pajjiżi tal-UE u barra mill-Ewropa.



Sors: PWC & IHS (2017), *L-effettività tal-inċentivi fiskali għall-kapital ta' riskju u l-investituri informali (Effectiveness of tax incentives for venture capital and business angels), Rapport finali. Studju kkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea.*

Nota: Taħlita ta' politiki tfisser kombinazzjoni ta' tipi ta' inċentivi. Il-figura tiddeskrivi s-sitwazzjoni f'kull pajjiż fil-31 ta' Ottubru 2016. Minn dak inhar 'l hawn ġew stabbiliti aktar skemi fiskali ġodda f'Ċipru u l-Ungerija.

Għad hemm differenzi kbar fl-ispejjeż tal-konformità fiskali bejn il-pajjiżi tal-UE. Il-kumplessità tas-sistemi fiskali, l-ispejjeż għoljin tal-konformità u n-nuqqas ta' ċertezza fiskali jużaw riżorsi produttivi u jaġixxu bħala ostakolu għan-negozju u l-investment. L-ispejjeż għoljin tal-konformità fiskali għandhom impatt partikolari fuq l-SMEs.

L-ispejjeż tal-konformità jirriżultaw l-aktar mill-ħin imqatta', minflok ma huma spejjeż diretti, bħal dawk assoċjati maż-żamma tal-kotba.


It-Tabella 12 turi n-numru annwali ta' sigħat li teħtieġ kumpanija ta' daqs medju sabiex tissodisfa l-obbligi fiskali tagħha. Il-ħin imqatta' jinkludi s-sigħat meħtieġa sabiex jiġu ttrattati t-taxxa korporattiva, it-taxxa fuq il-valur miżjud u t-taxxi fuq l-impjegati, inklużi t-taxxi fuq il-pagi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Il-ħin li jeħtieġu dawn id-ditti sabiex jikkonformaw mal-obbligi fiskali jista' jservi bħala indikatur tajjeb ta' kemm huma għoljin l-ispejjeż tal-konformità fiskali f'pajjiż partikolari.

Sabiex jittejjeb l-ambjent tan-negozju, is-sistemi fiskali jistgħu jiġu riformati tul tliet linji:

1. is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-obbligi fiskali, speċjalment għall-impredururi li jaspiraw u negozji iżgħar,
2. it-twessigħ tal-firxa tas-servizzi elettroniċi u d-disponibbiltà tagħhom f'one-stop shops',
3. is-sensibilizzazzjoni, l-għarfien u t-taħriġ lill-kontribwenti fil-qasam tan-negozju sabiex tgħinhom jikkonformaw mar-regoli fiskali, bl-użu ta' mezzi li jinkludu l-midja soċjali.

L-isfruttar ta' mudelli kummerċjali innovattivi ġodda huwa importanti sabiex is-sistemi fiskali jilqgħu għall-gejjeni. Il-pajjiżi tal-UE jiddependu dejjem aktar fuq l-integrazzjoni diġitali sabiex jiffaċilitaw il-konformità fiskali u huma mħeġġa sabiex ikomplu jissimplifikaw u jiċċaraw l-applikazzjoni tar-regoli fiskali għall-ekonomija kollaborattiva. Huma mħeġġa wkoll sabiex jiffaċilitaw u jtejbu l-ġbir tat-taxxi billi jisfruttaw il-potenzjal ta' pjattaformi kollaborattivi, li huma mħeġġa jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali.

Tabella 13: In-numru ta' sigħat li teħtieġ ditta ta' daqs medju kull sena sabiex tissodisfa l-obbligi fiskali tagħha, 2012 u 2015



Sors: Il-Bank Dinji (2016), *Doing Business 2017: Equal Opportunities for All*. Washington, DC: Il-Bank Dinji.

4.2. Appoġġ għall-ħolqien tax-xogħol u għall-impjegji


F'dawn l-aħħar snin, ħafna pajjiżi tal-UE naqqsu t-tassazzjoni ġenerali fuq ix-xogħol. Xi wħud minnhom naqqsu t-taxxi fuq ix-xogħol għall-ħaddiema b'paga baxxa u għal gruppi speċifiċi, filwaqt li żiedu t-taxxi fuq ix-xogħol għal gruppi ta' ħaddiema b'introjtu oġħla.

Madankollu, ma hemm ebda xejra ċara fil-mod kif ġie indirizzat it-tnaqqis fit-taxxa min-naħa tal-finanzjament.

Meta jiġu identifikati sorsi alternattivi ta' dħul, huwa importanti wkoll li jiġu kkunsidrati l-impatti distributtivi potenzjalment rigressivi tat-tassazzjoni li qed tiżdied f'dawn l-oqsma.

Il-figura ta' hawn taħt turi d-dħul mit-**taxxi fuq il-konsum** bħala perċentwal tal-PDG għal kull pajjiż tal-UE. Hija turi wkoll ir-rata tat-taxxa impliċita fuq il-konsum fil-pajjiżi tal-UE. Din hija definita bħala l-proporzjon tad-dħul mit-taxxi kollha fuq il-konsum għan-nefqa fuq il-konsum finali tal-unitajiet domestiċi.

Tabella 14: Id-dħul mit-taxxi fuq il-konsum u r-rata tat-taxxa impliċita (ITR) fuq il-konsum, 2010-2015



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (2017), *Ix-xejriet tat-tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea: edizzjoni tal-2017*, abbażi tad-Data tal-Eurostat

Nota: Ir-rata tat-taxxa impliċita fuq il-konsum mhijiex disponibbli għal HR.

It-tassazzjoni rikorrenti fuq il-proprjetà hija t-tieni tip ta' tassazzjoni li tista' titqies bħala mezz sabiex jiġi paċut it-tnaqqis fit-tassazzjoni fuq ix-xogħol.

Il-figura ta' hawn taħt turi d-dħul mit-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà bħala perċentwal tal-PDG fil-pajjiżi tal-UE.

It-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà għadhom baxxi fil-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE u jista' jkun hemm lok li jiżdiedu.

F'pajjiżi fejn is-sistemi attwali tat-tassazzjoni fuq l-akkomodazzjoni jiddependu ħafna fuq it-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet, tranżizzjoni interna mit-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet lejn taxxi rikorrenti tista' ġgħib magħha wkoll titjib fl-effiċjenza¹².

Analiżi fil-fond tista' tinstab fl-iskeda informattiva tematika dwar is-suq tal-akkomodazzjoni.

Tabella 15: Id-dħul mit-taxxa fuq il-proprjetà bħala perċentwal tal-PDG, 2015



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (2017), *Ix-xejriet tat-tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea: edizzjoni tal-2017, abbażi tad-Data tal-Eurostat*

Nota: Id-data ma tinkludix it-taxxa fuq l-introjtju personali fuq il-kirjiet imputati.

It-tielet tip ta' tassazzjoni li tista' titqies bħala mezz ta' kumpens għat-tnaqqis tat-taxxi fuq ix-xogħol hija t-**tassazzjoni ambjentali**. Din tista' tikkontribwixxi wkoll għall-ġustizzja permezz ta' pprezzar fl-esternalitajiet negattivi tal-attivitajiet ta' tniġġis jew ta' attivitajiet dannużi oħrajn u tgħin sabiex tiġi iċċentivata l-bidla fl-imġiba.

Il-figura ta' hawn taħt turi d-dħul mit-taxxi ambjentali - it-taxxi fuq l-enerġija, it-trasport, it-tniġġis u r-riżorsi - bħala perċentwal tal-PDG.

Id-dħul mit-tassazzjoni ambjentali żdied

mill-2010, għalkemm huwa naqas bi ftit bħala proporzjon tat-tassazzjoni totali.


Bħala medja, id-dħul mit-tassazzjoni ambjentali jammonta għal madwar 2.4 % tal-PDG u madwar 4.1 % fil-pajjiż (il-Kroazja) bl-ogħla dħul relattiv għall-PDG.

Il-bidliet fid-dħul mit-taxxi ambjentali huma xprunati mhux biss mill-bidliet fir-rati tat-taxxa, iżda wkoll mill-bidliet fil-bażi għat-taxxa. Huwa notevoli li matul l-istess perjodu kien hemm tnaqqis kemm fil-konsum domestiku gross kif ukoll fil-konsum finali tal-enerġija.

¹² It-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet għandhom it-tendenza li jiskoraġġixxu t-tranżazzjonijiet li jallokaw il-proprjetajiet b'mod aktar effiċjenti, sabiex b'hekk jagħmlu s-suq aktar ristrett. Dawn it-taxxi għandhom ukoll impatt negattiv fuq il-mobilità tal-forza tax-xogħol minħabba l-ispejjeż tat-tranżazzjoni għoljin imġarrba mit-tibdil tal-proprjetà.

bi ftit bħala sehem tal-PDG

Tabella 16: Id-dħul mit-taxxa ambjentali, 2015



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (2017), *Ix-xejriet tat-tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea: edizzjoni tal-2017*, abbażi tad-data tal-Eurostat.

Nota: It-taxxi ambjentali jaqgħu f'erba' kategoriji ewlenin — l-enerġija, it-trasport, it-tniġġis u r-riżorsi. It-taxxi fuq l-enerġija jinkludu t-taxxi fuq il-prodotti tal-enerġija li jintużaw kemm għat-trasport kif ukoll għal finijiet stazzjonarji. It-taxxi fuq it-trasport jinkludu t-taxxi relatati mas-sjieda u l-użu ta' vetturi bil-mutur. Huma jinkludu wkoll it-taxxi fuq tagħmir tat-trasport ieħor bħal inġenju tal-ajru u fuq servizzi tat-trasport relatati. It-taxxi fuq it-tniġġis jinkludu t-taxxi fuq l-emissjonijiet tal-arja mkejla jew stmati (minbarra t-taxxi fuq l-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju) u l-ilma, fuq l-immaniġġjar tal-iskart u fuq l-istorbju. It-taxxi fuq ir-riżorsi jinkludu kwalunkwe taxxi marbuta mal-estrazzjoni jew l-użu ta' riżorsa naturali.

4.3. Il-korrezzjoni tal-inugwaljanzi u l-promozzjoni tal-mobilità soċjali

It-tassazzjoni għandha rwol sabiex tnaqqas l-inugwaljanzi u tappoġġja l-mobilità soċjali, kemm jekk permezz ta' distribuzzjoni minn qabel jew distribuzzjoni mill-ġdid, jew sabiex tikkoreġi jew tinċentiva l-imġiba.

Jeżistu mudelli soċjali differenti fl-Ewropa u l-ammont ta' flus pubbliċi meħtieġa għall-finanzjament tagħhom ivarja.

L-iżgurar ta' fondi suffiċjenti għall-finanzjament tal-infiq pubbliku għandu jiddependi fuq:

1. it-taħlita xierqa ta' taxxi, billi jitqiesu l-investiment u l-kunsiderazzjonijiet tal-impjeg; u

2. l-iżgurar li kull membru tas-soċjetà jgħallas is-sehem ġust tiegħu.


Il-pajjiżi tal-UE jvarjaw fit-tfassil tas-sistemi fiskali tagħhom fir-rigward tar-rati tat-taxxa u l-għażla ta' liema attivitajiet għandhom jiġu ntaxxati.

It-Tabella 17 turi l-istruttura tat-tassazzjoni skont il-funzjoni ekonomika fil-pajjiżi tal-UE, billi tintwera l-varjazzjoni bejn il-pajjiżi.

It-tassazzjoni fuq il-kapital tista' tkun mezz xieraq sabiex tittejjeb il-ġustizzja fl-opportunitajiet u l-ġid jitqassam b'mod aktar ugwali, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-aspetti ta' effiċjenza.

Madankollu, hemm diffikultajiet prattiċi fl-infurzar tal-konformità fiskali mat-tassazzjoni fuq il-kapital.

Tabella 17: L-istruttura tat-tassazzjoni skont il-funzjoni ekonomika tal-bażi għat-taxxa, 2015



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea (2017), *Ix-xejriet tat-tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea: edizzjoni tal-2017*, abbażi tad-data tal-Eurostat.

Nota: Għall-fini ta' din il-figura, 'tassazzjoni fuq il-kapital' tinkludi l-kategoriji l-oħrajn kollha mhux ikklassifikati bħala xogħol jew konsum.

It-tassazzjoni progressiva fuq l-introjtu personali hija miżura ridistributtiva importanti tas-sistemi ta' taxxi u benefiċċji. Il-figura ta' hawn taħt turi l-grad ta' progressività tat-tassazzjoni fuq l-introjtu mix-xogħol billi tqabbel il-feles tat-taxxa fuq il-persuni b'introjtu għoli u dawk b'introjtu baxx.


Il-grad ta' progressività huwa teoretiku, abbażi tar-rati standard. Dan ma jirriflettix il-frodi, l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxa.

Il-progressività tas-sistemi tat-taxxa fuq l-introjtu, speċjalment il-piż tat-taxxa fuq il-

ħaddiema b'paga baxxa, hija rilevanti wkoll għall-ħolqien tax-xogħol, li jipprovdi soluzzjoni għall-faqar u l-esklużjoni soċjali.

L-Irlanda, Franza, ir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi għandhom l-aktar sistemi progressivi ta' taxxi fuq l-introjtu mix-xogħol. L-Ungerija, il-Bulgarija u l-Latvja għandhom l-inqas sistemi progressivi ta' taxxi fuq l-introjtu mix-xogħol.

Tabella 18: Il-grad ta' progressività tat-tassazzjoni fuq l-introjtu mix-xogħol fil-pajjiżi tal-UE, 2016



Sors: Il-bażi ta' data tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-indikaturi tat-taxxi u l-benefiċċji abbażi tad-data tal-OECD.

Nota: (1) Id-data dwar il-feles tat-taxxa hija għal familji mingħajr tfal u b'persuna waħda li taqla' paga. (2) Ma hemm ebda data riċenti għal Ċipru. (3) Il-pajjiżi huma kklassifikati f'ordni dekrexxenti skont il-kobor tal-proporzjon tal-feles tat-taxxa b'paga medja ta' 167 % meta mqabbel mal-feles tat-taxxa b'paga medja ta' 50 %. (4) Id-data tal-2016 għadha mhijiex disponibbli għal MT, HR, LT, RO, BG.


Il-figura ta' hawn taħt turi s-**setgħa korrettiva tas-sistemi tat-taxxi u tal-benefiċċji** billi tqabbel il-koeffiċjent Gini tal-introjtu fis-suq mal-Gini tal-introjtu disponibbli (kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi).

Hija tispjega li, filwaqt li s-sistemi tat-taxxi u tal-benefiċċji jaġixxu sabiex jiġġieldu kontra l-inugwaljanzi fl-introjtu fil-pajjiżi kollha tal-UE, l-iskala tal-effett tagħhom tvarja.

L-inugwaljanza fl-introjtu għadha għolja f'ċerti pajjiżi tal-UE, inklużi xi wħud fejn l-effett ridistributtiv tat-taxxa u tal-benefiċċji huwa relattivament baxx.

L-aktar effetti ridistributtivi qawwija, espressi fit-tnaqqis relattiv tal-indiċi Gini, huma murija mill-Finlandja, mill-Belġju u mid-Danimarka.

Tabella 19: Is-setgħa korrettiva tas-sistemi tat-taxxi u tal-benefiċċji fil-pajjiżi tal-UE



Sors: I-Eurostat, 2016

Nota: (1) Id-differenza bejn il-koeffiċjenti Gini għall-inugwaljanza fl-introjtu tas-suq (jiġifieri qabel it-taxxi u l-benefiċċji) u għall-inugwaljanza fl-introjtu disponibbli (jiġifieri wara t-taxxi u l-benefiċċji). Id-data dwar l-introjtu

4.4. Il-konformità fiskali¹³

L-infurzar kien u għadu għodda kruċjali sabiex is-sistemi fiskali jsiru aktar ġusti. Huwa jikkonċerna l-użu sħiħ tas-setgħa tal-awtorità pubblika sabiex il-kontribwenti jiġu mgjegħla jagħmlu dak li huwa tajjeb. Dan jinkludi kooperazzjoni transkonfinali, verifiki effettivi u aċċess għal informazzjoni u intelliġenza, kif ukoll proċeduri ta' rkupru mgħaġġel.

Barra minn hekk, **huwa essenzjali li jiġu promossi l-fiduċja, it-trasparenza u kultura ta' konformità fiskali permezz ta' diversi mezzi:**

- Il-komunikazzjoni b'mod effettiv mal-kontribwenti dwar il-valur imwassel permezz tad-dħul mit-taxxa; il-monitoraġġ u l-wiri tar-riżultati tal-prestazzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa.
- Il-kontribwenti jiġu mħeġġa jaġixxu b'mod aktar etiku meta jħallsu t-taxxi tagħhom, billi jużaw kampanji ta' komunikazzjoni u edukazzjoni sabiex jispjegaw għaliex huwa importanti li kulħadd iħallas is-sehem ġust tiegħu. Jenħtieġ li dawn ikunu mmirati lejn iż-żgħażaġh - b'mod partikolari, il-kontribwenti ta' għada.
- Il-kooperazzjoni man-negozji sabiex itejbu l-konformità fiskali, filwaqt li jużaw l-għarfien dwar l-ekonomija komportamentali bil-għan li jimbottaw lill-kontribwenti sabiex jagħmlu dak li huwa tajjeb fiż-żmien xieraq.

Fl-2016-17, il-pajjiżi tal-UE komplew jieħdu azzjoni sabiex itejbu s-sistemi tagħhom, sabiex b'hekk issoktat ix-xejra mis-snin riċenti.

Madankollu, minkejja r-riformi li saru u l-progress miksub, l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi għadhom joħolqu sfida kbira għall-Ewropa. Għalhekk, il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa għadha prijorità tal-

Kummissjoni kif riflessa mill-bosta inizjattivi f'dan il-qasam.

Waħda minn dawn hija l-modernizzazzjoni tas-sistema tal-VAT, li tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-frodi. Fl-2017 u l-2018, il-Kummissjoni ser tadotta pakkett komprensiv dwar ir-riforma tal-VAT bil-għan li jiġi miġġieled ir-riskju dejjem jikber ta' frodi fiskali, kif ukoll jiġu ssimplifikati l-obbligi tal-VAT għall-kumpanji u tiġi pprovduta flessibilità akbar lill-Istati Membri sabiex jiddefinixxu liema prodotti għandhom jiġu ntaxxati b'rati mnaqqsin.

¹³ Il-kwistjoni tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa u tal-evitar tat-taxxa hija diskussa fi skeda informattiva separata.

5. RIŻORSI UTLI

- Il-Kummissjoni Ewropea, Il-politiki fiskali fl-Unjoni Ewropea: Stħarriġ tal-2017, li jmiss
- Il-Kummissjoni Ewropea, Ix-Xejriet tat-Tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea: Edizzjoni tal-2017, il-Lussemburgu, 2017

Data: 28.9.2017